TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/309/11/S

Abigail Cortis
Vs
Reno Zammit ezercenti l-kummerc bhala Lily White Laundry

Illum 12 ta'Lulju,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Abigail Cortis ipprezentata fl-14 ta' Lulju,2012 filwaqt li Reno Zammit, ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta tat-8 ta'Gunju,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati inkluz il-libsa in kwistjoni, sema' lill-attrici u t-trattazzjoni taghha maghmula fit-8 ta'Gunju,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda libsa li wara li ttiedet ghal drycleaning', parti mill-frill infetah u t-tarf tal-libsa spicca bit-tnietex filwaqt li gie ukoll allegat mill-attrici li l-materjal ma baqax l-istess;

Illi jinghad mal-ewwel li l-konvenut Reno Zammit naqas milli jwiegeb ghat-talba ta' Abigail Cortis u lanqas deher ghas-seduta tat-8 ta'unju,2012;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Abigail Cortis li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-konvenut;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-konvenut ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi l-attrici xehdet illi l-materjal tal-libsa inxtara minn hajjat li ukoll hiet il-libsa filwaqt li l-istess attrici kkonfermat li mal-libsa ma kienx hemm struzzjonijiet kif dak il-materjal ghandu jitnaddaf;

Illi hemm diversi fatturi li jridu jittiehdu in kunsiderazzjoni bhal x'tip kien il-materjal u kif jitnaddaf;

Illi jinghad ukoll li l-ircevuta pprezentata u mmarkata bhala Dok AC1 mhix wahda accettabbli;

Illi min-naha l-ohra l-konvenut ma deherx biex jitfa' dawl fuq dawn il-mistoqsijiet u lanqas biex jaghti l-verzjoni tieghu;

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal mhuwiex konvint li t-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Abigail Cortis u Jordna lil Reno Zammit ezercenti l-kummerc bhala Lily White Laundry ihallas lil Abigail Cortis is-somma ta' €80 stabbilita ex aequo et bono, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-istess Reno Zammit.

Richard Sladden Av.
Arbitru